# Personaġġi fl-Istorja tal-Għaqda li taw kontribut lil Ħamrun u lin-Nazzjon

**Meta wieħed jibda jfittex u jiġbor dak kollu li għandu konnessjoni mal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, jiltaqa' ma' ħafna ismijiet ta' personalitajiet li matul iż-żmien iffurmaw parti minnha, li għamlu isem għalihom u kienu ta' unur għall-Għaqda tagħna. Dawn l-ismijiet tant huma numerużi li fl-ispazju limitat ta' dan il-ktieb hu mpossibbli li tagħti tagħrif dettaljat dwarhom.**

Mil-lista ta' tant u tant persuni li żejnu lill-Għaqda tagħna u li għamlulha unur, għażilt li niddedika l-ispazju li għandi għal uħud minnhom li jistgħu jiddaħħlu f'żewġ taqsimiet differenti.

Biss qabel ma nibda nagħmel dan, ikun tajjeb li nitkellem dwar Mro. **Eduardo Farina** li fl-1893 insibuh Fundatur u Surmast Direttur tas-Soċjetà Filarmonika San Gejtanu (1) li twaqqfet fil-Ħamrun u li ffunzjonat għal ftit snin. Kienet l-ewwel Għaqda Mużikali li ngħatat l-isem tal-Patrun San Gejtanu. Dan is-Surmast kien bniedem ta' ħeġġa liema bħalha u dan jixhduh l-għadd kbir ta' inizjattivi li ħa u x-xogħlijiet li ħadem fihom. Insibu li kien wieħed mill-fundaturi tas-Soċjetà Filarmonika La Valette fl-1874. (2) Idderieġa għall-ewwel darba fl-Imsida fil-festa tal-B.V. Maria del Carmelo. (3) Insibuh fl-1887 fit-twaqqif tal-Banda Santa Marija ġewwa l-Imqabba li mietet ħesrem. (4) Meta ġiet imwaqqfa l-Filarmonika San Ġużepp tal-Ħamrun fl-1889 insibuh Maestro di Cappella u Għalliem. (5) Wara d-data ta' l-1893 imsemmija aktar 'il fuq, insibu li Mro. Farina għal xi żmien mar jgħix ġewwa Għawdex u waqt li kien hemm avviċinah il-

---

Ref:

(1) Times of Malta 21/2/1992, J.F. Caruana, Zabbar.
(2) Il-kuntratt ta' twaqqif tas-Soċjetà Fil. La Valette
(3) Corriere Mercantile Maltese, 28/7/1882
(4) Programm għall-okkażjoni ta' għeluq il-75 sena tas-Soċjetà Re Ġorġ V, Mqabba p.17 u Bliet u Rħula Maltin p.529. Alf. Guilliamier
(5) Leħen is-Sewwa, 30/8/1939

Kappillan Arċipriet tax-Xagħra u nhar is-16 ta' Ottubru 1898 sar riċeviment ġewwa Casa Pia Industriale f'Victoria fejn iltaqa' ma' ġuvintur li kienu kellmu lis-Surmast u ġiet imwaqqfa l-Banda Vittoria u ġew deċiżi x'regolamenti kellhom jiġu segwiti. (6)

Wara dan il-ftit tagħrif dwar dan il-persunaġġ li kien l-ewwel wieħed fil-Ħamrun li abbina l-isem ta' San Gejtanu ma' Soċjetà Mużikali, ngħaddi biex nagħti informazzjoni dwar persuni li l-konnessjoni tagħhom kienet mal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu. Fil-fatt ser niġbor l-ewwel grupp ta' personalitajiet f'taqsima li se nsejħilha...

## Fundaturi

**Franġisku Buttigieg:** Fundatur ewlieni tal-Għaqda San Gejtanu. Ħa l-inizjattiva flimkien ma' S. Buhagiar, A. Buttigieg, G. Buttigieg, S. Buttigieg, P. Burlò, K. Calleja, K. Camilleri, S. Cassar, G. Giangio, B. Cordina, G. Deguara, S. Deguara, K. Denaro, G. Fleri, W. Fleri, S. Gauci, P. Magri, F. Mallia, G. Mallia, N. Mallia, F. Mizzi, W. Quinter, K. Storace, N. Tabone, G. Zammit u G. Zammit, biex nhar l-24 ta' Ġunju 1906 waqqfu l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu li aħna lkoll inħaddnu u ngħożżu minn qiegħ qalbna. (7)


Franġisku Buttigieg

**Pawlu Burlò:** Wieħed mill-Fundaturi tal-Għaqda San Gejtanu. Kien dovut kbir tal-Madonna. Ħa l-inizjattiva li jgħallem id-duttrina lit-tfal. Kien jaħdem ta' landier u f'dawk iż-żmenijiet iebsa kellu bżonn l-għajnuna biex żamm ħaj l-Oratorju tal-Madonna li waqqaf. Sab din l-għajnuna

Ref:

(6) Informazzjoni mgħoddija lili mis-sur Lawrence Camilleri, Xagħra Għawdex

(7) Rħama tal-Fundaturi fl-Intrata tal-Każin San Gejtanu, Ħamrun

mill-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu li kienet torganizza fieri b'riżq il-ħidma ta' l-Oratorju. (8) L-Oratorju mibdi minn Pawlu Burlò mażżmien kiber u sar it-tieni parroċċa fil-Ħamrun taħt it-titolu ta' Immakulata Kunċizzjoni.



Robert Bencini

**Robert Bencini:** President tal-Għaqda San Gejtanu bejn l-1924 u l-1955. Wieħed millewwel tnax-il persuna li waqqfu l-'Workers Union Branch'. Fil-15 ta' Ottubru 1920, waqqfu l-'Camera del Lavoro' u nsibuh flimkien ma' M.A. Borg u A. Schembri li ħadu r-responsabbiltà għal self ta' £300 u daħlu garanti għal dan is-self biex twaqqaf il-'Malta Labour Party'. (9)

**Mro. Antonio Micallef (Nonu):** Surmast Direttur tal-Banda San Gejtanu. Insibuh fl-1905 ġewwa Tuneż fejn waqqaf il-Banda tal-Komunità Maltija bl-isem ta' British Philarmonic. Permezz ta' kuntatti ingliżi li kellu f'din il-kolonja Franċiża, ressaq talba lill-Konslu Ġenerali Ingliż biex meta d-Duka ta' Connaught u martu flimkien mal-prinċipessi Margerita u Vittoria jkunu Malta, iżuru Tuneż. Id-Duka aċċetta li jżur il-komunità Ingliża u Maltija f'Tuneż u mal-wasla tiegħu f'din l-art ġie milqugħ mill-Ministru Residenti Franċiż, Stephen Pichen, flimkien mal-Konslu Ingliż, Berkeley, u Gwardja ta' l-Unur. Il-Banda daqqet il-'God Save the King'. Tul din iż-żjara d-Duka laqa' talba imressqa mill-Konslu Ingliż Berkeley, fuq talba ta' Mro. Micallef, biex il-Banda tibda ġġib l-isem tiegħu u d-Duka wiegħed ukoll protezzjoni. Aktar tard insibu 'l din il-Banda bl-isem 'The Duke Band'. (10)



Mro. Antonio Micallef

Mro. Micallef waqqaf il-Banda 'Leone

Ref:

(8) Ħmar, 14/5/1927
(9) Storja tal-Partit tal-Ħaddiema, Ġużè Bonnici. p.8.
(10) Malta Tagħna, 4/2/1905, 11/2/1905, 4/3/1905, 6/5/1905


Dun Frans Camilleri

XIII'. (11) Fl-1930 waqqaf l-'Imperial Banda Club - Mellieħa'. (12) Lejn l-aħħar tat-tieni gwerra dinjija fl-1944, Mro. Micallef waqqaf il-Banda 'Our Lady of Consolation', illum Banda Santa Marija tal-Gudja. (13)

**Dr. Anton Buttigieg:** President tal-Għaqda San Gejtanu bejn l-1955 u l-1983.

Insibu li meta Anton Buttigieg kien għadu student Universitarju kien wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda 'Xirka għat-tixrid ta' L-ilsien Malti', flimkien ma' Ġużè Bonnici, Ġorġ Pisani u Ġużè Chetcuti. (14)

**Dun Frans Camilleri:** Direttur Spiritwali tal-Għaqda San Gejtanu. Dan il-qassis twajjeb ukoll kellu mħabba kbira lejn l-ilsien Malti u nsibu li kien Segretarju ta' għaqda mwaqqfa fis-Seminarju l-Furjana 'Tal-Qari Tajjeb', li f'qasir żmien qassmet aktar minn 250,000 kopja. Fl-1945, inħatar l-ewwel editur tar-rivista ta' l-Azzjoni Kattolika 'Il-Ħuġġieġa' u fl-1950 mat-twaqqif tal-Kummissjoni Emigranti inħatar l-ewwel editur tar-rivista 'Lil Ħutna', kariga li baqa' jokkupa sa ftit xhur qabel miet. (15)

Billi Dun Frans kien dilettant kbir tas-siġar u l-ġonna, kellu ħsieb li jwaqqaf fost it-tfal 'Għaqda għall-Ħarsien tas-Siġar'. (16) Ma nafx jekk l-Għaqda eżistenti kellux sehem fiha.

**Pawlu Debattista:** Ex membru tal-Kumitat tal-Għaqda San Gejtanu. Lil Pawlu Debattista jiftakru l-Ħamrun kollu. Kien il-Fundatur u Promotur fl-aħħar tas-snin erbgħin u bidu tas-snin ħamsin ta' l-ewwel Kunsill Ċiviku ġewwa l-Ħamrun, liema Kunsill kien iffurmat mill-W.R. Kappillan Mons. N. Cordina Perez, President, is-sur Ugo Mizzi, Segretarju, is-sur Giovanni

Ref:

(11) Standard tal-Maltin, il-Kajr, 29/7/1922
(12) Korrispondenza mas-Segretarju Imperial B.C., Charles Buttigieg 25/5/1992
(13) Programm Festa Soċ. Fil. La Vittoria, 1986, Grezio A. Grech p.77
(14) Diversi referenzi fejn jissemma l-ilsien Malti u l-ġlieda tiegħu.
(15) Leħen is-Sewwa, Diċembru 1990
(16) Kopja ta' manuskritt minn Dun Frans Camilleri

Buttigieg, Teżorier, is-sur Alex Alessandro, Viċi President, is-sur Joseph Debattista, Asst. Segretarju, Dun Ġużepp Cachia, Asst. Teżorier u Dun Ġużepp Saliba, is-sur Stephen Sant'Angelo, is-sur Jos. Micallef u s-sur Mikiel Ang. Delia bħala membri. (17)

Insibu li maż-żmien, f'dan il-Kunsill kien hemm rappreżentanti minn kull Għaqda ta' kull xorta miż-żewġ Parroċċi. Pawlu Debattista bħala promotur beda jokkupa l-kariga ta' Viċi President fejn il-Presidenza kienet tal-Kappillan tal-Parroċċa San Gejtanu. (18)

**Joseph Debattista:** ex Membru tal-Kumitat tal-Għaqda San Gejtanu. Fiż-żmien li fil-każin San Gejtanu kont issib mekka tat-Table Tennis, bi tliet imwejjed ma jieqfu qatt, b'imsieħba, nies tas-servizzi u oħrajn minn klabbs oħra jipprattikaw il-logħba u kulħadd beda jorganizza l-Open Competitions (individwali, koppji, timijiet u wara koppji mħallta bejn nisa u rġiel), Joseph Debattista, li kien ukoll plejer, ħa l-inizzjattiva u waqqaf il-Malta Table Tennis Association (M.T.T.A.) (19)

Joseph Debattista qatt ma waqaf u wara li għamel erba' snin kors ġewwa l-Ingilterra, iggradwa fl-Agrikoltura u kiseb id-diplomi N.D.A., C.D.A., D. Agric. E., A.M.I. Agric. E. (20) Kif ġie Malta waqqaf il-'Malta Rabbit Club' (21) u l-'Fur & Feather Show' (22) Mar ukoll Iżrael u studja b'mod professjonali l-produzzjoni tal-bajd fost affarijiet oħra u dan ta l-frott tiegħu għaliex intlaħaq l-għan li l-gżejjer Maltin ma jimportawx minn dan il-prodott.



Horace Muscat

**Horace Muscat:** President Onorarju tal-Għaqda San Gejtanu 1988 - (kittieb ta' dan l-artiklu). Kif ġa għedt aktar qabel l-Għaqda San Gejtanu kienet dejjem tieħu sehem f'diversi attivitajiet, fosthom il-Karnival u jien li kont nieħu sehem ferm attiv fil-ħidma tal-Għaqda f'dan il-qasam, ħassejt il-bżonn

Ref:

(17) Programm Ġimgħa Ħamrun 1975 p.13
(18) Programm Ġimgħa Ħamrun 1975 p.9
(19) Diversi programmi tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu
(20) Pubblikazzjonijiet tal-Malta Rabbit Club.
(21) ibed
(22) ibed

flimkien ma' Ġorġ Zahra, Willie Apap u Wenzu Coleiro li għandna nwaqqfu l-Għaqda tal-Leaders, Kumpaniji u Parteċipanti, bl-iskop li l-Kumitat tal-Karnival/Gvern, iżid il-premjijiet, titneħħa t-taxxa tal-karnival u jiġu rranġati diffikultajiet waqt iż-żfin ma' l-orkestra, isiru l-provi u wkoll 'recording' biex jinżamm it-temp mixtieq. Jien kont inħtart Segretarju ta' din l-Għaqda u rnexxielna nakkwistaw ħafna mill-għanijiet li għalihom twaqqafna, kif ukoll ksibna d-dritt li wieħed mill-Konkorrenti jkun fil-Kumitat għall-interess tal-parteċipanti.

**Prof. Charles Zammit Ph.D., D. Mus., F.L.C.M., G.L.S.M., F.V.C.M., F.L.S.M.:** ex alliev/bandist tal-Banda San Gejtanu. Żgur li isem il-Professur Charles Zammit m'għandu bżonn l-ebda introduzzjoni. Ħamruniż, ġej minn familja kbira Tamlija. Ħa l-ewwel tagħlim tiegħu mal-Banda San Gejtanu u ħareġ idoqq ma' l-istess Banda. Fi tfulitu tana wieħed mill-isbaħ marċi fir-repertorju tagħna, 'Valley of Roses'. Huwa l-fundatur ta' l-Akkademja tal-Mużika li twaqqfet fi ħdan il-General Workers Union li qed tagħti servizz kbir biex studenti u mużiċisti żgħażagħ Maltin, jiksbu l-aħjar tagħlim u esperjenzi neċessarji.

Imissni issa li nsemmi l-għadd kbir ta' personalitajiet, membri tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, li qatt ma qagħdu lura li jagħtu sehem sħiħ fil-ħajja politika ta' pajjiżna. Għalhekk ġbart lil dawn il-personalitajiet f'taqsima li sejjaħt...

## Sehem Politiku

Kienu ħafna l-membri tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu li matul iż-żmien ikkontestaw elezzjonijiet ġenerali u ħafna wkoll kienu dawk fosthom li ġew eletti u servew lin-nazzjon Malti, b'karigi ta' responsabbiltà fit-tmexxija tal-pajjiż. Oħrajn taw sehem politiku ukoll billi okkupaw karigi importanti fi ħdan il-partiti politiċi ta' gżiritna.

Din li ġejja hi lista b'ħarsa ħafifa lejn is-sehem mogħti fil-ħajja politika Maltija, minn dawn il-membri tal-Għaqda San Gejtanu fi żmenijiet differenti.

**President tar-Repubblika:** Dr. Anton Buttigieg (ex President tal-Għaqda)
**Aġent President tar-Repubblika:** Dr. Albert Hyzler (ex membru)
**Aġent Prim Ministru u Deputat Kap ta' Partit Politiku:**
Dr. Anton Buttigeg (ex President tal-Għaqda)
Prof. Guido De Marco (ex Viċi-President tal-Għaqda)
Dr. Gian Pierre Frendo (ex President tal-Għaqda)

**Speaker/Deputat Speaker:**

Dr. Joseph Flores (ex Membru tal-Għaqda)
Dr. John Buttigieg (President attwali)
Dr. Charles Mangion (membru)

**Ministri/Seg. Parlamentari:**

Is-sur E.C. Tabone (ex membru)
Dr. Anton Buttigieg (ex President)
Dr. Joseph Brincat (ex membru)
Prof. Guido De Marco (ex Viċi-President)
Dr. Albert Hyzler (ex membru)
Is-sur Danny Cremona (ex membru)
Is-sur Joe Debono Grech (membru)
Dr. Charles Mangion (membru)
Spiżjar Joe Sciberras (ex membru)

**Membri Parlamentari:**

Dr. Gian Pierre Frendo (ex President)
Is-sur Robert Bencini (ex President)
Is-sur Sydney Henry (ex President)
Dr. Henry Sacco (ex membru)
Is-sur Ġużè Schembri (ex membru)
Dr. Charles Mangion (membru)
Dr. John Buttigieg (President attwali)
Dr. Sandro Schembri Adami (membru)
Dr. Josè Herrera (membru)

**Ambaxxaturi:**

Dr. John Buttigieg (President attwali)
Is-sur Richard Matrenza (President Onorarju)

Matul it-92 sena ta' Storja tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, minn fost il-membri tagħha u minn fost persuni li okkupaw fi ħdanha karigi ewlenin, insibu bosta ismijiet oħra li għamlu isem għalihom u isem għall-Għaqda, mhux biss fl-oqsma li tkellimna dwarhom illum, iżda wkoll f'għadd ta' oqsma oħra. Insibu ismijiet li kisbu ġieħ għalihom, għall-Għaqda, għal Ħamrun u għal Malta fl-oqsma artistiċi, letterarji, mużikali, reliġjużi, sportivi u tant oqsma oħrajn.

J'alla fil-futur ikolli l-opportunità nitkellem dwarhom.

Din hija l-Providenza ta' San Gejtanu li għoġbu jżejjen lill-Għaqda imsemmija għalih, b'tant ismijiet li kabbrulha u żejnulha isimha, x'ħin offrewlha ħilithom u mħabbithom. Dawn ma ħadmux biss fiha iżda ħadmu wkoll, kull wieħed bil-mod tiegħu u skond il-kapaċità u l-interessi tiegħu, f'oqsma li servew ta' ġid għal Ħamrun u għan-Nazzjon Malti.

**Horace Muscat**
**President Onorarju**